MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Numru. 323/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs-**

**ANTHONY MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY MUSCAT** bin Carmel u Maria Rita nee Scicluna li joqghod 40, Triq il-Kbira, Sannat Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 8864 (G) akkuzat talli:

Fis-sitta u ghoxrin ta' Lulju, 2003 ghall-habta ta' 12.45 waqt li kien fi Triq il-Kbira, Sannat, saq karozza bin-numru KAR 619 b'manjiera traskurata u perikoluza, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-

regolamenti habat ma karozza ABH 381 u kkaguna hsara b'detriment ghal James Vella minn Sannat.

U aktar talli fl-istess guranata, hin u post saq jewipprova isuq u kien fil-kontroll tal-karozza bin-numru KAR 619 fi triq jew f'post pubbliku iehor wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs kien izjed mill-limitu preskritt.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat mill-licenzja tas-sewqan.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l'artikoli 15, 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u 328 (d) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Il-Prosekuzzjoni esebiet it-test mehud minn l-Ispettur investigattiv minn fuq l-imputat nhar is-sitta u ghoxrin ta' Lulju, 2003 u irrizulta li dan it-test gie mehud fl-ghassa tal-Pulizija, Ghawdex wara li l-imputat inghata d-drittijiet tieghu u cioe` nghata il-caution skond il-ligi.

Illi dan it-test kien wiehed posittiv fis-sens illi l-livell ta' alkohol fid-demm tal-imputat kien ghola minn dak preskritt mill-ligi.

Illi xehed PS 1424 li spjega kif dakinhar tas-sitta u ghoxrin ta' Lulju, 2003 huwa kien ghassa u ghall-habta tas-siegha ircieva telefonata l-ghassa li fi Triq il-Kbira, Sannat kien hemm kollizjoni. Huwa minnufih mar fuq il-post u sab lil certu James Vella li qallu li l-imputat ddahal gol-vettura tieghu ABH 381 li kien stazzjonat bil-vettura tieghu KAR 619 fi tlett okkazzjonijiet. L-imputat kien prezenti fuq il-post b'riha qawwija ta' xorb u qal li laqtu darba biss bi zball. Huwa akkumpanjah l-ghassa sabiex jaghmel it-test tal-Breathelizer. Ikkonferma li l-imputat ma telqux minn meta mar fuq il-post sakemm sar it-test.

Xehed James Vella li qal illi kien id-dar u sema habta u hareg mit-tieqa u ra lill-imputat mahbut fil-vettura tieghu. Huwa hareg mid-dar u ra lill-imputat jidhol fil-vettura tieghu darbtejn ohra u ikkagunalu diversi hsarat. Huwa

kien cert minn dak li qal u fil-fatt it-tfajla tieghu Denise Farrugia ikkonfemat dak li qal Vella. Kemm Vella kif ukoll Farrugia ikkonfermaw illi l-imputat fil-fehema taghhom kien fis-sakra.

L-imputat ghazel li jixhed u qal illi huwa kien qed isuq il-vettura KAR 619 dakinhar tas-sitta u ghoxrin ta’ Lulju, 2003 u ikkonferma li laqat il-vettura ta’ Vella pero qal f’okkazzjoni wahda. Mistoqsi jekk kien xorob qabel ma saq l-imputat qal illi ha flixkun birra wara il-habta.

Il-Qorti qieset ix-xhieda f’dan il-kaz u rat li dik moghtija mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni hija aktar kredibbli u attendibbli.

**Il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha u tikkundannah multa ta’ mitejn lira Maltin (Lm 200) u tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ sitt (6) xhur mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------